# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-14 t'April, 2016

Appell Nru: 23/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Ignazio Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Ignazio Farrugia detentur tal-identita' Maltija bin-numru 188173M, migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1)nhar id-19 ta' Marzu, 2013 ghal habta ta' 17:15hrs gewwa Triq San Pawl, Rabat, Malta, hebb kontra persuna sabiex jingurjaha idejjaqaha jew jaghmlilha hsara bi kliem lil Daphne Anne Caruana Galizia; Kap 9 Art. 339 (1)(d) u (e); 2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci u l-bon ordni pubblika b'ghajjat, storbju jew glied; Kap 9. Art. 339 (1)(dd); u 3) fl-istess data, hin u lok, gab ruhu, b'mod li ta' fastidju lil Daphne Caruana Galizia u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna Kap 9. Art. 251A.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabblilita tapplika Art. 383 tal-Kap 9 ghal-harisien ta' Daphne Ann Caruana Galizia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Jannar, 2014, li biha lliberat lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni filwaqt illi sabitu hati tat-tieni (2) u t-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' elfejn u erba mitt Ewro (€2400) u, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9, obligatu sabiex bl-ebda mod ma jikkomunika ma' Daphne Caruana Galizia, u dana ghal perjodu ta' sena, u versu garanzija ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ignazio Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2014, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell jirrigwarda it-tieni u t-tielet imputazzjoni li dwarhom il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabitu hati wara incident waqt il-festa ta' San Pawl fir-Rabat (Malta) fid-19 ta' Marzu 2013. L-

appellant kien liberat mill-imputazzjoni li hebb ghall-kwerelanta izda misjub hatji ta' ksur ta' ordni pubbliku u ta' fastidju fil-konfront ta' Daphne Anne Caruana Galizia;

2. Mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti jemergi illi waqt il-festa msemmija *supra*, l-kwerelanta kienet miexja ghall-affari taghha flimkien ma xi hbieb ohra meta ntlemhu minn Ignatius Farrugia li beda isegwiha, jidhaq bija u jinsulentaha, u jpoggi idejh quddiem il-kamera tar-ritratti taghha meta pruvat tiehu ritratti tal-inhawi u ftit wara kien akkumpanjat minn zewg persuni ohra li tressqu l-Qorti separatament. Lkoll bdew jinsulentawaha u jghajruha, bl-appellant jiggestikola u jisfen bil-kamera tar-ritratti tieghu f'wiccha sal punt li s-sitwazzjoni tant hraxet li kellha tiehu rifugju f'kunvent. Barra l-kunvent kien hemm hafna ghajjat u instemgha ghajjat biex l-kwerelanta tinhareg mill-kunvent sakemm fuq il-post waslu l-pulizija li kkalmat is-sitwazzjoni u akkumpanjat lill-kwerelanta l-ghassa tal-pulizija sabiex taghmel rapport in rigward. Xhud tal-prosekuzzjoni jiddiskrivi kif aktar ma ghadda z-zmien aktar beda jithasseb li kienet ser tqum wahda kbira;

3. Mill-provi mismugha, dan l-incident kien wiehed pjuttost serju fejn l-appellant flimkien maz-zewg persuni l-ohra baqghu isegwu lill-kwerelanta b'insulti, tghajjir anke bi kliem baxx u gesti u anke ostakolawha mill-attivita' civili taghha meta riedet tiehu xi ritratti billi qieghdu idejhom quddiem il-kamera tar-ritratti taghha. Dan l-incident ma kien bl-ebda mod provokat mill-kwerelanti izda l-appellant kien gharafha bhala l-awtrici ta' *blog* fejn, skond l-istess appellant *wiehed ma jistax jiskarta x-xenarju ta' dan il-kaz, fejn il-parti leza, mhux l-ewwel darba illi izzikat lil appellant billi ixxandru fuq il-blog taghha, anke permezz ta' ritratti mehuda mill-Facebook account tieghu, biex tipprova tirredikolah u twaqqghu ghaz-zufjett.*

4. Issa, kif gia, inghad, l-appellant kien liberat mill-ewwel imputazzjoni ta' hebb kontra l-persuna tal-kwerelanta. L-appell tieghu kwantu dirett lejn it-tieni imputazzjoni, dik ta' ksur ta' bon ordni pubbliku b'ghajjat, storbju jew glied bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali, qed ikun michud ghaliex manifestament infondat;

5. Kwantu l-aggravju tal-appellanti dwar apprezzament hazin tal-provi u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, irid jinghad illi kontra l-appellant kienet ukoll addebitata l-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Mill-provi mismugha huwa pacifiku illi l-komportament tal-appellant kif demostrat aktar 'l fuq kien okkazzjoni singolari u bl-ebda mod ripetut f'xi zmien qabel. Dan qed jinghad ghaliex il-Qrati taghna kostantement irritenew, kif tajjeb qal l-appellant, illi wiehed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huwa il-komportament ta' persuna almenu f'aktar minn okkazzjoni wahda b'mod illi incident izolat ma jistghax iwassal ghal sejbien ta' htija. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar 2009 Il-Pulizija vs Massimo Tivisini fost diversi sentenzi ohra u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddipartixxi minn dak l-insenjament. Issa, fil-kaz, odjern, ghalkemm il-komportament tal-appellant fil-konfront tal-kwerelanta kien wiehed li ma jistghax ma jkunx msemmi b'disdenn u stmerrija, l-fatti attribwiti lilu mhux dak ravvizat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali u ghalhekk dan l-aggravju ser ikun milqugh;

6. Illi bhala konsegwenza tal-kunsiderazzjonijiet maghmula fl-ahhar paragrafu, hemm lok ta' bdil fil-piena anke ghaliex il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, dik tal-multa, kienet applikabbli biss ghar-rigward tal-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali u mhux ghal-dik kontravvenzjonali, mertu tat-tieni imputazzjoni li hija d-detenzjoni, c-

canfira jew l-ammenda issa li s-sejbien ta' htija dwar din tal-ahhar qed ikun konfermat;

7. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati u lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti fejn sabet htija fit-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena dwarha u finalment tikkonfermaha fejn sabet htija fit-tieni imputazzjoni u fejn imponiet obbligazzjoni fuq l-appellant ghal-perjodu ta' sena kontra garanzija ta' €1000 fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9. Wara li rat l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9, tikkundanna lill-appellant ghad-detenzjoni ghal zmien erbat ijiem.